**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-2 ta' Lulju 2008 — Stradivarius España vs UASI — Ricci (Stradivari 1715)**

**(Kawża T-340/06)** ([1])

***(Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva Stradivari 1715 — Trade marks Komunitarji figurattivi preċedenti Stradivarius — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94)***

(2008/C 209/85)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Stradivarius España (Arteixo, Spanja) (rappreżentanti: G. Marin Raigal u P. López Ronda, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: O. Montalto u A. Sempio, aġenti)

*Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-UASI:* Cristina Ricci (Reggello, l-Italja) (rappreżentanti: P. Roncaglia, G. Lazzaretti, M. Boretto u E. Gavuzzi, avukati)

**Suġġett**

Rikors imressaq kontra d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Bord ta' l-Appell ta' l-UASI tas-7 ta' Settembru 2006 (Każ R 1024/2005-1) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Stradivarius España, SA u Cristina Ricci.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Stradivarius España, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 326, 30.12.2006.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Lulju 2008 — Il-Kummissjoni vs Economidis**

**(Kawża T-56/07)** ([1])

***(Appell — Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Annulament fl-ewwel istanza tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrigwarda l-ħatra f'post ta' kap ta' unità — Ċaħda tal-kandidatura tar-rikorrent — Ħatra ta' kandidat ieħor — Determinazzjoni tal-grad tal-post li għandu jimtela fl-avviż ta' post vakanti — Prinċipju ta' separazzjoni tal-grad u tas-servizz — Appell fondat — Kawża fi stat li tiġi deċiża — Ċaħda tar-rikors)***

(2008/C 209/86)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u G. Berscheid, aġenti)

*Konvenuta:* Ioannis Economidis (Woluwé-Saint-Étienne, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u E. Marchal, avukati)

Intervenenti in sostenn tal-parti rikorrenti: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: C. Burgos u A. Lukošiūtė, aġenti); Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Simm u I. Sulce, aġenti); u Il-Qorti ta' l-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: T. Kennedy, J.-M. Stenier u B. Schäfer, aġenti)

**Suġġett**

Appell kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) ta' l-14 ta' Diċembru 2006, Economidis vs Il-Kummissjoni (F-122/05, li għadha mhux ippubblikata fil-Ġabra), u li tirrigwarda l-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

1) *Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-14 ta' Diċembru 2006, Economodis vs Il-Kummissjoni (F-122/05, li għadha mhux ippubblikata fil-Ġabra), hija annullata.*

2) *Ir-rikors ippreżentat mis-Sur Ioannis Economidis quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-kawża F-122/05 huwa miċħud.*